# PAĠNA VOJTA



DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI

# FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

**DATA: 27 ta' Ottubru 2020**

**Ħin: 09:00 – 10:00 (Siegħa)**

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |
| --- | --- |

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

**TAQSIMA A: Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Il-ħajja hija mimlija tlajja' u nżul u kultant xi ħaġa mhux mistennija tista' tibdillek ħajtek drastikament. Hemm min isibha diffiċli biex jerġa' jqum fuq saqajh u hemm min jipprova jsib skop kif jegħleb il-kriżi li jkun fiha.

Dan kien il-każ ta' Chelsie Hill minn Kalifornja li sa minn ċkunitha kellha x-xewqa li ssir żeffiena. Il-ħolm tagħha bħal donnu sfaxxa mar-riħ meta fl-2010, meta kienet għadha studenta fl-iskola Pacific Grove ta' Kalifornja, sfat vittma ta' incident ikrah tat-traffiku.

It-tfajla damet 51 jum l-isptar u spiċċat paralizzata minn qaddha 'l isfel. Minkejja dan kollu, hija kompliet bl-istudji tagħha biex b'hekk setgħet tiggradwa. Fl-istess waqt, bdiet tagħmel ħbieb ġodda permezz ta' diversi siti fuq l-internet. Dawn in-nies kellhom ħaġa komuni magħha: dik li jsofru minn xi tip ta' diżabilità.

Kien f'dan l-istadju li lit-tfajla ġietha idea: dik li tibda kumpanija taż-żfin bil-membri kollha jkunu b'diżabiltà.

Minn Kalifornja, it-tfajla marret Los Angeles b'determinazzjoni kbira li jirnexxielha twettaq il-ħolma tagħha. U hekk twieled *The Rollettes*, tim ta' sitt żeffiena li llum il-ġurnata qed jieħu sehem f'numru ta' kompetizzjonijiet internazzjonali taż-żfin. Bosta persuni oħra b'diżabiltajiet differenti qed jingħaqdu magħhom kuljum.

Kull sena, *The Rollettes* jorganizzaw *summer camp* li għalih jattendu nies ta' kull età u b'diżabiltajiet differenti. Is-sajf li għadda kien wieħed rekord hekk kif ipparteċipaw 173 persuna minn 10 pajjiżi differenti madwar id-dinja.

L-istorja ta' Chelsie Hill hi waħda ta' ispirazzjoni għal ħafna u bosta huma dawk li qed ifittxu aktar informazzjoni fuq *The Rollettes* għax l-istorja ta' din it-tfajla nisslet fihom id-determinazzjoni li minkejja d-diżabiltà tagħhom, jistgħu jirnexxu huma wkoll.

Silta addattata minn artiklu meħud mis-sit elettroniku *newsbook.com*

**Mistoqsijiet**

1. Skont l-awtur ta' dan l-artiklu, il-ħajja fiha
   a) l-ikrah u s-sabiħ
   b) l-ikrah biss
   ċ) s-sabiħ biss
   d) s-suċċessi bla tbatija.

2. Il-frażi **'mhux mistennija'** fis-silta tfisser li
   a) waslet tard
   b) ma waslet qatt
   ċ) tiġri xi ħaġa li ma tkunx tobsor
   d) jiġri dak li tkun tixtieq.

3. Il-frażi **'jerġa' jqum fuq saqajh'** fis-silta tfisser li
   a) jqum bi tbatija
   b) jibda l-ħajja mill-ġdid
   ċ) ma jrid imur imkien
   d) jsir sinjur malajr.



PAĠNA VOJTA

# PAĠNA VOJTA



4. Meta Chelsie Hill kienet għadha żgħira xtaqet
   a) issir xufiera
   b) tmexxi grupp ta' kantanti
   ċ) issir żeffiena
   d) torganizza summer camp taż-żfin.

5. L-għerq tal-verb **'tibdillek'** huwa
   a) B_D_L_K
   b) B_D_L
   ċ) B_L_K
   d) B_D_K.

6. Fil-frażi **'vittma ta' inċident ikrah tat-traffiku'** l-aġġettiv huwa
   a) vittma
   b) inċident
   ċ) ikrah
   d) tat-traffiku.

7. Ngħidu: **hija paralizzata**, imma **intom**
   a) parralizzati
   b) pparaliżżati
   ċ) paraliżżati
   d) paralizzati.

8. Il-frażi **'sfaxxa mar-riħ'** fis-silta tfisser
   a) mhux se jseħħ
   b) tkaxkar mar-riħ
   ċ) se jitwettaq kollu
   d) ma kellhiex flus biex tagħmlu.

9. Fis-silta nsibu li Chelsie Hill użat l-internet biex
   a) tistudja u tiggradwa
   b) tiltaqa' ma' ħbieb ġodda
   ċ) titgħallem tiżfen.
   d) ixxandar it-tbatija tagħha.

10. Ngħidu **idea waħda** imma **żewġ**
   a) idejat
   b) tidejat
   ċ) ideat
   d) iddejat.

11. Liema kelma hija **nom bi pronom mehmuż?**
   a) magħha
   b) fiha
   ċ) qaddha
   d) minnhom.

12. *The Rollettes* huwa grupp speċjali għaliex
   a) il-membri kollha huma persuni b'diżabilità
   b) jipparteċipa f'kompetizzjonijiet taż-żfin
   ċ) fih sitt persuni biss
   d) huwa grupp Amerikan.

13. In-numru **173** jinqara u jinkiteb
   a) mija u seba' u tletin
   b) mija, sebgħin u tlieta
   ċ) mija u tlieta u sebgħin
   d) mijja, tlieta u sebajn.

14) Agħżel il-frażi li turi li s-*summer camp* tal-grupp qed ikun suċċess
   a) Twettaq il-ħolm tagħha
   b) Kien wieħed rekord
   ċ) Waħda ta' ispirazzjoni
   d) Sfaxxa mar-riħ.

15. Il-plural ta' **'dinja'** huwa
   a) dinjin
   b) dinnjiet
   ċ) djun
   d) dinjiet.

15 x 2 marki = **30 marka**

**TAQSIMA B: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

Qatt ma fehmet kif xi nisa jagħmlu sigħat jitfattru bilqiegħda fuq xi banketta jew kif l-irġiel jintasbu ma' bank ta' xi ħanut tax-xorb ilabalbu fil-vojt. "Jidher li m'għandhomx x'jagħmlu ... jew forsi m'għandhomx biex jedhew aħjar" kienet taħseb bejnha u bejn ruħha.

Imma hi qatt ma setgħet – ukoll kieku riedet - tagħmel bħalhom għax hi kienet magħmula minn pezza drapp differenti.

Margerita kienet mara ta' ftit kliem. Ma tieqaf qatt; ma tafx toqgħod ma tagħmel xejn. Dejjem għaddejja minn ħaġa għal oħra donnha d-dinja waslet biex tispiċċa u tibża' li ma tkunx laħqet għamlet dak kollu li kellha f'moħħha. Ma' sbieħ il-jum tibda x-xogħol biex żgur tlesti l-faċendi kmieni kemm jista' jkun. Id-dar kienet iżżommha pupilla tant li fuq l-uċuħ tal-għamara kont tista' tara liema burdata kienet qed taħkmek.

Imma ma kienx biss ix-xogħol tad-dar li kien iżommha okkupata għal tul ta' ħin.

Għax Margerita – jew Maggie kif kienu jsibuha sħabha fl-iskola – kienet tintilef taqra. Sigħat sħaħ, kemm jekk ikun matul il-jum wara l-faċendi, kemm jekk filgħaxija qabel tmidd rasha, kont żgur issibha fuq il-pultruna li kellha għal qalbha - switilha kemxa flus - bi ktieb jew xi rivista f'idejha tqalleb b'dehwa kbira dawk il-paġni ta' taħt għajnejha. Il-ġimgħa l-oħra qrat ktieb ta' awtobijografija ta' suldat li ra l-kruha tal-Ewwel Gwerra Dinjija; il-ġimgħa ta' qabilha ntilfet fi storja ta' mħabba li kixfet l-aktar passjonijiet u tensjonijiet qawwija li jistgħu jaħkmu lill-bniedem, u dik ta' qabilha ratha mitlufa taqra l-ħsibijiet ta' eremita Buddist li min jaf kemm iljieli għamlet titqalleb minħabba fihom saħansitra waqt l-irqad stess.



43. Minflok "tani ħasla" nista' ngħid
   a) kisirni
   b) kasbarni
   ċ) ċanfarni
   d) għajjarni.

44. Tarċisju huwa
   a) Nom Proprju
   b) Nom Astratt
   ċ) Nom Komuni
   d) Nom Femminili.

45. Qsajjar, kwiet, miġbur... huma kollha
   a) Pronomi Magħżulin
   b) Aġġettivi Komparattivi
   ċ) Aġġettivi Pożittivi
   d) Nomi Maskli.

46. Jistedinni huwa verb
   a) tal-Għaxar Forma
   b) tad-Disa' Forma
   ċ) tat-Tmien Forma
   d) tas-Seba' Forma.

47. Kelma oħra għal "daqslikieku" hija
   a) daqstant
   b) għallinqas
   ċ) minnufih
   d) bħallikieku.

48. Sib it-tweġiba li **ma taqbilx** fis-sens ma' "lagħabli daqqa":
   a) taptapli waħda
   b) daħak bija
   ċ) sawwatni
   d) fajjarli daqqa.

49. Indika l-verb bi **pronom mehmuż:**
   a) missieri
   b) missni
   ċ) minni
   d) miegħi.

50. Il-**mamma** tal-verb "naħsibhomx" hija
   a) ħaseb
   b) ħsieb
   ċ) maħsub
   d) ħasseb.

(20 x 2 = **40 marka**)

**TMIEM**

34. Wieħed mill-ħbieb tal-awtur kien iġemma'
a) ir-ram u ħadid
b) il-bolol u l-kartolini
ċ) ir-ritratti tal-futbol
d) il-kaxxi tas-sulfarini.

35. Sieħeb l-awtur kellu
a) *racer*
b) *motorboat*
ċ) *drone*
d) *helicopter*.

36. Fi tfulitu Ġorġ Peresso kultant kien ikun
a) daqsxejn fitt
b) daqsxejn kwiet
ċ) daqsxejn buffu
d) daqsxejn jippretendiha.

37. Il-ħabib marradi kellu
a) vista qasira
b) d-dijabete
ċ) l-glandoli minfuħa
d) l-ħożba.

38. Tarċisju tas-santi kien imur skola msemmija għal
a) San Tumas
b) San Franġisk
ċ) San Albert
d) San Alwiġi.

39. "Kienet għalija ħafna drabi uġigħ fl-istonku" turi li l-awtur
a) kien jgħir u jitmasħan
b) kien jirrabja u jieħu għalih
ċ) kienu jaqbduh ħafna dwejjaq u dispjaċir
d) kien jitlef il-boxxla.

40. L-espressjoni "fis-seba' sema" tfisser
a) ferħan ħafna
b) tela' l-ġenna
ċ) ġie l-ewwel
d) ma jonqsu xejn.

41. Minflok "klikka" nista' ngħid
a) folla nies
b) marmalja
ċ) soċjetà
d) qatgħa ħbieb.

42. B'"saħħa ta' ġgant" nifhem
a) oħxon ħafna
b) goff ħafna
ċ) brigant
d) b'saħħtu ħafna.



Veru li xi drabi xtaqet li taqsam xi ftit minn dawn l-esperjenzi ma' xi ħadd. Imma ma' min?

Il-ġirien, nies twajba kemm tridhom u li dejjem sabithom meta kellha bżonn, ma kinux ta' skola. F'għaqdiet dejjem ħassitha skomda minħabba l-manuvrar meskin ta' min moħħu iktar biex jidher milli biex ikun ta' sostenn għall-imseħbin tal-għaqda.

**Mistoqsijiet**

16. "Jitfattru" huwa
a) verb fl-imperfett
b) verb trilitteru
ċ) verb nieqes
d) verb tat-tieni forma

17. Margerita kienet
a) paċpaċa
b) moħħha fin-nies
ċ) tqis kliemha
d) seksieka

18. Liema kelma minn dawn – li tinstab fit-test innifsu - tfisser "nadifa ħafna"?
a) imqaxxra
b) pupilla
ċ) maħsula
d) imnaddfa

19. Skont is-silta liema minn dawn is-sentenzi hija t-tajba?
a) Il-ġirien kellhom ħafna tagħlim.
b) Margerita ma kinitx maħbuba mill-ġirien.
ċ) Il-qari ta' Margerita kien varjat.
d) kont issib l-għabra ma' kullimkien.

20. Margerita ma kinitx f'xi għaqda għax
a) l-għaqdiet mimlijin b'membri ambizzjużi
b) fl-għaqdiet ikun hemm wisq nies
ċ) ma kienx hemm minnhom fir-raħal tagħha
d) għax kienet tħobb taqra ħafna.

21. L-aktar ktieb li ħawwad lil Margerita kien wieħed dwar
a) l-imħabba
b) il-gwerra
ċ) l-ideat ta' kittieb reliġjuż
d) it-tisjir.

22. X'għandhom komuni l-kelmiet **tmidd** u **xogħol**?
a) It-tnejn verbi
b) It-tnejn semitiċi
ċ) It-tnejn aġġettivi
d) It-tnejn pronomi.

23. Frażi li turi li Margerita kienet differenti mill-ġirien:
   a) liema burdata
   b) dehwa kbira
   ċ) bejnha u bejn ruħha
   d) pezza drapp differenti.

24. Awtobijografija hija
   a) ktieb dwar il-karozzi
   b) ġurnal barrani
   ċ) ktieb dwar il-ħajja tal-awtur
   d) ktieb tal-poeżiji.

25. Liema frażi minn dawn ta' hawn taħt toqgħod flok "**ta' sostenn**"?
   a) ta' ħila
   b) ta' kalibru
   ċ) ta' għajnuna
   d) ta' tfixkil.

26. Għaliex taħseb li l-ħsibijiet tal-eremita kellu dak l-effett fuq Margerit?
   a) għax kienet għajjiena
   b) għax kienet qed tiffissa fuq il-Buddiżmu
   ċ) għax kien ktieb li jġagħlek tirrifletti
   d) għax kien mimli kliem tqil.

27. Il-pultruna kienet għal qalbha ħafna għax forsi
   a) kienet komda
   b) kienet tiswa l-flus
   ċ) wirtitha mingħand ommha
   d) kienet taqbel mal-kumplament tal-għamara.

28. Jekk minn **imsieħeb** wieħed jislet **imseħbin**, minn **imriegħed** jislet
   a) imregħdin
   b) imriegħedin
   ċ) imregħedin
   d) imrgħedin.

29. Xi trid tfisser Margerit meta taħseb li l-irġiel ma kellhomx biex jedhew aħjar?
   a) L-irġiel kienu jħobbu jilletikaw bejniethom.
   b) L-irġiel ma kinux jitkellmu fuq il-politika.
   ċ) L-irġiel kienu nies tal-affari tagħhom.
   d) L-irġiel ma tantx kellhom biex jaljenaw ruħhom.

30. Liema kelma hija mnissla mit-Taljan?
   a) għamara
   b) ġirien
   ċ) banketta
   d) irqad.

(15 x 2 = **30 marka**)



**Taqsima Ċ: Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

Fi tfuliti, f'Ħaż-Żabbar kelli żewġt iħbieb, it-tnejn jisimhom Tarċisju. Wieħed kien iġemma' s-santi u l-affarijiet tal-Knisja. L-ieħor ram u ħadid. It-tnejn kienu tfal sew. L-aktar li kont ningwalaha ma' dak tas-santi. Kien ħabib tal-qalb, kif ngħidu. Immorru flimkien il-Mużew, nistennew lil xulxin biex immorru lura, u meta kien ikun hemm il-*blackout* – sikwit dak iż-żmien – kien saħansitra jitla' jwassalni sad-dar.

Kien imur skola Saint Albert the Great tal-Belt u ġieli kien jistedinni mmur miegħu fl-*isports day*. Kien isuq ir-*racer* u kellu wieħed modern ħafna għal żmienu. Ma kontx ngħir għalih xejn, imma li kien jaf isuq ir-*racer* u jien le, kienet għalija ħafna drabi wġigħ fl-istonku għax missieri kienu kuntrarju li jien nitgħallimha – u tant kont nixtieq. Meta Tarċisju kien jagħtini rikba kont inħossni fis-seba' sema, daqslikieku kont irkibt l-aqwa karozza lussuża minn dawk tal-films! Ma nafx kienx akbar minni. Naf żgur li kien bilgħaqal aktar minni, għax jien kont daqsxejn buffu. U kultant ma naħsibhomx, niċċajta forsi ftit goff bħal meta darba għamilt ma' tifel tal-klikka tagħna, ħa għalih u lagħabli daqqa ta' ponn f'għajni li damet ħamra u tnixxi d-dmugħ. Tarċisju tas-santi, għalkemm ma kellux xi saħħa ta' ġgant u l-ieħor kien mibni sew, qabeż għalija. "Mhux qed tara li qed jiċċajta miegħek?" Domna xi ftit ma nitkellmu imma mbagħad għamilna ħbieb u bqajna sal-lum.

Imma darb'oħra Tarċisju ma ddefendinix, anzi tani ħasla kif kien jixraqli.

Kellna ħabib, qsajjar, kwiet, u miġbur daqs qaddis. Kien xi ftit marradi, dejjem donnu mirżuħ. Jien kont naqbadha miegħu – mingħalija niċċajta, ngħidlu li l-ġlekkijiet li kien jilbes kienu kbar wisq għalih, nidħol jien miegħu. Kultant kont nistaqsih, ta' baħnan li kont, x'kienu dawk il-boċċi li kellu taħt il-ġilda t'għonqu. Darba hu stess, imnikket – għadni nara wiċċu quddiemi – qalli, "Aqtagħha Peresso." Imma jien ma qtajthiex għax kellu jindaħal ħabibi Tarċisju tas-santi biex ġibidli l-attenzjoni li lil dak it-tifel kont qed indejqu.

"Ma tafx li dak marid u dawk il-boċċi huma glandoli minfuħin?"

Silta meħuda minn *It-Tifel tan-Nanna* ta' Ġorg Peresso

31. F'liema raħal kien jgħix l-awtur fiż-żmien ta' dan ir-rakkont?
   a) Ħaż-Żebbuġ
   b) Ħal-Tarxien
   ċ) Ħad-Dingli
   d) Ħaż-Żabbar.

32. Kemm kellu ħbieb l-awtur jisimhom Tarċisju?
   a) wieħed
   b) tnejn
   ċ) tlieta
   d) erbgħa.

33. La kien ikun hemm il-*blackout*, jidher li kien żmien qrib
   a) il-festa tar-raħal
   b) il-vaganzi tas-sajf
   ċ) il-Ġimgħa l-Kbira
   d) it-Tieni Gwerra.